**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru , 2016

Rikors Nru : 92/13 AL

**AB**
**-vs-**

**CB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tletin (30) ta' Lulju ta s-sena 1997 skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u miz-zwieg kellhom tlett itfal : R B li llum ghandu hmistax (15)–il sena, K B li llum ghandu erbatax (14)-il sena u V B li llum ghandha tnax (12)-il sena ;

Illi l-hajja mizzewga tal-kontendenti saret impossibbli minhabba mohqrija u ngurja gravi da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti u b'hekk iz-zwieg tfarrak b'mod irrimeddjabbli tort tal-intimat kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega minn din l-Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skont il-ligi u dana skont digriet

numru 553/13 li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B ;

Illi minhabba l-mohqrija, thedid u vjolenza da parti tal-intimat, l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali fil-fond Remiliagh House, Triq Ghar Dalam, B'Bugia, ghaliex is-sitwazzjoni kienet saret tali li kienet qed tibza ghas-sigurta taghha u ta' uliedha ;

Illi m'hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza ;

Illi saru diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-instiganza tal-konvenut ;

Talbet sabiex il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja id-divorzju a mensa et thoro bejn ir-rikorrent u r-ragel taghha NazzaR sive R B ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat ;

2. Tapplika kontra l-imsemmi intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45 sa 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte ;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti fi kwoti ndaqs bejniethom u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi ;

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

5. Tikkundanna lill-istess intimat jhallas lir-rikorrenti ghaliha u ghall-uliedhom minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata lilha dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda skont l-gholi tal-hajja u tnaqqis mill-paga tal-intimat li ghandhom jigu ffissati minn din il-qorti ;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti li tabita fid-dar matrimonjali Remliagh House, Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, ad eskluzjoni tal-intimat u taghti kull provediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;

7. Tawtorizza lir-rikorrenti li tirregistra, ossia li tnizzel fir-registru pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez tal-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors tar-rikorrenti permezz tal-procedura tal-affissjoni nhar l-24 ta' Ottubru, 2013 u kif mitlub qieghed bir-rispett jintavola l-umli risposta tieghu ;

2. Illi t-talbiet u l-allegazzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza ;

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici u mhux kif allegat fl-ewwel talba attrici cioe` li kien NazzaR B li renda ruhu responsabbli minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-ligi fosthom mohqrija u ngurja gravi ;

4. Illi l-attrici telqet minn gewwa d-dar matrimonjali lura matul Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal ragunijiet minnha maghrufa liema ragunijiet ser jigu ampjament spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

5. Illi sa miz-zmien illi l-attrici telqet minn gewwa d-dar matrimonjali ta' bejn il-konjugi B apparti li kienet tirresjedi gewwa zewg proprjetajiet differenti, illum il-gurnata u ghal diversi xhur jew ahjar snin l-attrici nghatat propjeta tal-Gvern gewwa Bormla, liema propjeta tirresjedi fiha flimkien ma uliedha NazzaR, K u V, ahwa B ;

6. Illi tenut kont l-abbandun tal-attrici minn gewwa d-dar matrimonjali ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minghajr ebda raguni valida, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika kontra l-istess attrici d-dispost tal-Artikolu 6 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ghandhom japplikaw kontra l-attrici;

7. Illi l-esponenti ma kkommetta ebda adulterju fil-konfront tal-attrici kif qieghed jigi allegat fit-tieni talba attrici;

8. Illi fir-rigward tat-tieni talba dina l-Qorti ghandha tichad din it-talba u ghandha tapplika id-dispost tal-Artikolu 45 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-istess attrici Mary B ghar-ragunijiet kif ser jigu spjegati waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

9. Illi fir-rigward tar-raba` talba attrici, l-esponenti jirrileva li kienet l-attrici stess li hadet minn gewwa d-dar matrimonjali oggetti parafernali tal-istess esponenti, referibilment ammont sostanzjali ta' affarijiet tad-deheb, liema oggetti l-attrici trid tirritorna lura ;

10. Illi l-hames talba attrici ma tistax tintlaqa` fil-konfront tal-attrici ghar-ragunijiet supra ndikati, cioe` minhabba abbandun minghajr ebda raguni valida tal-istess attrici li jwassal ghal dekadenza da parti tal-attrici ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Mata; fil-konfront tal-minuri jirrileva illi l-attrici dejjem irrifjutat kwalunkwe forma ta' manteniment ghal minuri NazzaR , K u V ahwa B anke meta dan gie offrut lilha diversi drabi, kif ukoll u abbazi tal-premura li l-esponenti ma jhallasx manteniment u ma jarax lil uliedu;

11. Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi respinta u dan apparti l-fatt illi llum il-gurnata l-attrici ghandha d-dar ta' abitazzjoni taghha, matul is-snin li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, id-dejn li kien hemm fuq l-istess dar gie mhallas mill-esponenti u dan wara li ssellef is-somma tal-flus necessarju u li taghha dahlu garanti l-genituri tal-esponenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz ;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ;

Bl-ispejjez kontra l-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Il-Qorti rat in-nota tal-attrici tal-31 ta' Awwissu 2016 illi permezz taghha cediet parzjalment l-ewwel talba billi cediet il-kliem "ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat" u inoltre cediet ukoll it-talbiet kollha l-ohrajn taghha stante li gie ippubblikat kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet;

Illi in vista ta' din in-nota il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u is-sebgha talbiet attrici;

Illi l-Qorti rat illi permezz ta' digriet li hija tat fl-atti ta' rikors ta' NazzaR B Nru 92/13/1 AL datat l-1 ta' April 2016, il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-ewwel talba attrici tigi ikkonvertita f'talba ta' divorzju, permezz ta' digriet tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2016;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi peress li gew sodisfatti ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex tintlaqa din it-talba u dan wara li l-Qorti rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat, liema talba giet ceduta mill-attrici kif diga intqal;

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.